Bank Ewropew tal-Investiment

il-bank tal-UE





2014

# Rapport tal-Attività

# Werrej


2 Kelmtejn Qabel mill-President

4 Il-Punti Ewlenin tal-2014

6 Nagħtu risposta soda għall-kriżi ekonomika

12 L-innovazzjoni għal tkabbir intelliġenti fl-Ewropa





18 L-appoġġ għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju







24 Il-ħolqien ta' rabtiet strateġiċi fl-infrastruttura tal-Ewropa

30 Il-finanzjament jaħdem għall-azzjoni għall-klima u l-ambjent





36 Il-provvediment ta' finanzjament madwar id-dinja kollha

40 Is-saħħa finanzjarja għas-servizz tal-investiment

42 Il-bank tal-UE

# Kelmtejn qabel
# **mill-President**



Għalkemm kien hemm xi aħbarijiet tajbin, fl-2014 l-ekonomiji tal-Ewropa għaddew minn diffikultajiet kbar. L-ekonomiji tal-Istati Membri kollha tal-UE huma mistennija li jerġgħu jikbru din is-sena, iżda l-Ewropa għadha qed tinżamm lura minħabba investiment dgħajjef u qgħad għoli. L-inċertezza fis-swieq finanzjarji tippersisti u l-flus għadhom mhux qed jilħqu l-ekonomija reali kif suppost.

Il-ħidma tal-Grupp tal-BEI, il-bank tal-UE, tagħmel differenza reali f'ħajjet in-nies. Fl-2014 komplejna nagħtu riżultati.

Implimentajna wieħed mill-pjanijiet kummerċjali l-aktar ambizzjużi li din l-istituzzjoni qatt rat, bis-self tal-BEI jammonta għal EUR 77 biljun. Saħħaħna s-servizzi ta' konsulenza bħala wieħed mill-pilastri ewlenin tan-negozju tagħna, u se naraw kif nespanduhom aktar fil-ġejjieni. Il-Fond Ewropew tal-Investiment – li ċċelebra l-20 anniversarju tiegħu s-sena li għaddiet – impenja EUR 3.3 biljun fl-2014 permezz tal-attivitajiet tiegħu tal-ekwità u l-garanzija, li kkatalizzaw aktar minn EUR 13-il biljun għall-benefiċċju ta' negozji aktar żgħar u baqa' l-fornitur ewlieni ta' finanzjament ta' riskju tal-SMEs fl-Ewropa.

L-2014 kienet ukoll sena importanti, f'dak li jirrigwarda l-għoti ta' prominenza lill-investiment u l-kompetittività fl-aġenda politika. Wara snin ta' enfasi fuq il-kriżi finanzjarja u l-ispejjeż tagħha, u minkejja li ġarrbet diffikultajiet, l-ekonomija tal-Ewropa issa miexja lejn l-irkupru. Għandna nħarsu 'l quddiem, niffokaw aktar fuq it-tkabbir u nerġgħu ningranaw il-magna tal-investiment. Barraminnhekk, l-Ewropa għarfet li r-riformi u l-investiment huma ż-żewġ naħat tal-istess munita.

Hemm aspettattivi għoljin li l-Pjan ta' Investiment ippreżentat f'Novembru flimkien mal-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker, se jiġi implimentat malajr. Bħala l-bank tal-UE, konna involuti fl-iżvilupp tal-pjan mill-bidu nett.

It-tliet partijiet ta' dan il-pjan huma kollha essenzjali: it-tkomplija tar-riformi strutturali, ir-reviżjoni tar-regolamenti nazzjonali u Ewropej biex ikunu aktar adatti għall-investiment, u l-użu aħjar tar-riżorsi pubbliċi limitati. Jeħtieġ li nużaw il-flus pubbliċi biex niżblokkaw l-investiment, prinċipalment mill-kapital privat. Dan huwa l-għan tal-Pjan ta' Investiment. Dan jikkostitwixxi bidla fundamentali fl-użu tal-fondi pubbliċi limitati, minn sussidji u għotjiet għal self u garanziji, sabiex jiġi ngranat il-kapital privat, jiġi mmultiplikat l-effett tal-finanzjament inizjali, u jerġa' jintuża l-kapital inizjali ladarba jitħallas lura.

Huwa importanti li naġixxu malajr, u issa qed nippruvaw indawru dan il-pjan f'negozju reali u nniedu proġetti ġodda li jistgħu jgħinu biex l-ekonomija tingħata spinta u noħolqu l-impjiegi fl-UE. Il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (EFSI) għandu fil-mira l-investiment strateġiku fl-infrastruttura, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni, l-enerġija sostenibbli, kif ukoll fl-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju. Fil-qafas tal-Pjan ta' Investiment, se noħolqu wkoll ċentru ta' konsulenza ġdid biex jgħin jiżviluppa proġetti ta' kwalità u jibni l-kapaċità teknika u finanzjarja tal-atturi pubbliċi u privati.

L-Ewropa għadha mhix qed tagħmel l-aħjar użu tal-potenzjal tal-investiment tagħha. Inħallu bosta ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji jxekklu l-investiment. L-EFSI, u s-servizzi ta' konsulenza msaħħa li jinsabu maġenbu, se jkun pass importanti lejn it-tneħħija ta' xi wħud minn dawk l-ostakli. Iżda s-simplifikazzjoni regolatorja għadha urġenti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali.

L-EFSI se jimxi id f'id mal-attività ta' tislif tradizzjonali tal-BEI. Se jmur għal proġetti f'setturi strateġiċi li qed isibuha bi tqila biex jattiraw finanzjament mill-mekkaniżmi eżistenti, inkluż minħabba l-profil ta' riskju għoli.

B'mod kritiku, l-EFSI se jikkumplimenta u jibni fuq il-biċċa l-kbira tal-attività ta' tislif tal-BEI, is-sisien tal-investiment li l-bank tal-UE jkompli jagħti lill-ekonomija tal-Ewropa. Minkejja dan, ma nkunux nistgħu negħlbu l-isfidi ekonomiċi tal-Ewropa waħidna. Iżda jekk kulħadd jaħdem flimkien, nistgħu ntejbu l-klima ġenerali tal-investiment u l-flejjes privati jerġgħu jibdew irendu.

L-2015 se tkun sena ta' tranżizzjoni għall-Bank. Wettaqna programm ta' tislif eċċezzjonali wara li l-azzjonijiet tal-BEI, l-Istati Membri tal-UE, iddeċidew li jżidu l-kapital tal-Bank fl-2012. Il-mira ta' EUR 180 biljun ta' investiment immobilizzat bis-saħħa tat-tislif addizzjonali tal-Grupp tal-BEI wara ż-żieda fil-kapital intlaħqet f'Marzu, sew qabel l-iskadenza ta' tmiem l-2015.

Filwaqt li nkomplu nwettqu n-negozju prinċipali tagħna, se niffokaw fuq il-finanzjament ta' proġetti ġodda taħt il-Pjan tal-Investiment il-ġdid. L-investiment fl-Ewropa jfisser ferm aktar minn ċifri u proġetti. L-inizjattiva l-ġdida tirrigwarda t-twassil ta' messaġġ, lill-investituri, lill-promoturi ta' proġetti u liċ-ċittadini. Qed ngħidulhom li l-Ewropa hija mill-ġdid lesta għan-negozju.

Dan ir-rapport iħares lura lejn il-punti ewlenin tal-operat tal-2014. Jipprova wkoll iħares 'il quddiem lejn ir-riżultati li nistennew li naraw mill-proġetti li appoġġajna matul is-sena. Fl-2014 pereżempju, ipprovdejna finanzjament għal negozji li ħolqu jew ippreservaw 3.6 miljun impjieg, appoġġaw l-aċċess għal broadband b'veloċità għolja għal 3.2 miljun unità domestika u għenu biex itejbu l-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa għal 10 miljun ċittadin tal-UE.

L-iskop tagħna huwa li nipprovdu benefiċċji għaċ-ċittadini. Il-finanzjament tagħna huwa mezz biex jintlaħaq għan. Aħna nappoġġaw proġetti vijabbli li jistgħu jagħmlu differenza, u b'hekk qegħdin niffinanzjaw il-ġejjieni. Dan huwa l-qofol tal-investiment u l-kompetittività.

Werner Hoyer



# 2014

# Punti Ewlenin

**80.3bn** EUR

ta' finanzjament mill-Grupp tal-BEI

→ **14.7bn** EUR għall-**innovazzjoni u l-ħiliet**

→ **25.5bn** EUR għal **intrapriżi aktar żgħar**

→ **20.6bn** EUR għal **infrastruttura strateġika**

→ **19.1bn** EUR għall-**azzjoni għall-klima**

↓ **7.9bn** EUR għal **proġetti barra mill-UE**

## Nagħmlu differenza

B'riżultat tal-finanzjament tagħna tal-2014, nantiċipaw il-ħolqien ta' aktar minn 150 000 impjieg ġdid permanenti b'1.8 miljun impjieg iġġenerati fil-fażi tal-kostruzzjoni. Bħala l-bank tal-UE, nafu li l-finanzjament tagħna huwa mezz biex jintlaħaq għan. Nimmiraw lejn proġetti vijabbli fejn nafu li l-kontribuzzjoni tagħna tista' tagħmel differenza u li jistgħu jwasslu benefiċċji konkreti għaċ-ċittadini tal-Ewropa.

**545** miljun
passiġġier addizzjonali u ffrankar ta'

**100** miljun
siegħa ta' trasport

**6 000** MW
ta' kapaċità elettrika, li minnhom **80%** minn enerġija rinnovabbli

Faċilitajiet imtejba tal-kura tas-saħa għal
**10** miljun
ċittadin tal-UE

**25 000**
applikazzjoni għal privattivi internazzjonali

**172 000**
student
irreġistrat kull sena

aċċess għal broadband b'veloċità għolja għal
**3.2** miljun dar

**285 000**
negozju ta' daqs mikro, żgħir u medju

Dan jgħin biex isostni madwar
**3.6**
miljun impjieg

appoġġa madwar
**500 000**
żagħżugħ/a

**4** miljun persuna
tibbenefika minn aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb jew sanità mtejba f'ekonomiji emerġenti u li qed jiżviluppaw

**3 000**
GWh ta' enerġija ffrankata

Iffrankar ta'
**3** miljun tunnellata ta' emissjonijiet $CO_2$ kull sena
l-ekwivalenti daqs li kieku jitneħħew
**1.5** miljun karozza mit-toroq

**12 000**
GWh ta' elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli kull sena, li jipprovdu l-elettriku għal aktar minn
**M**iljun dar



# Nagħtu
# risposta soda għall-kriżi ekonomika

Sa mill-2008, il-Grupp tal-BEI pprovda kważi EUR 50 biljun għal proġetti madwar l-Ewropa kollha. Dan ifisser li appoġġajna madwar EUR 1.5 triljun ta' investiment, billi tipikament niffinanzjaw madwar terz tal-ispejjeż ta' proġett. Il-BEI wieġeb għall-kriżi tad-dejn sovran b'żieda qawwija fl-attività, fejn irdoppja l-appoġġ tiegħu għal dawk il-pajjiżi li ġew milquta l-aktar. Issa, billi ħarġu restrizzjonijiet li jsostnu r-riskji, qed naġixxu biex nimmobilizzaw l-investiment madwar l-Ewropa kollha.



Il-Bank kontinwament ipprova jtejjeb il-medda tal-prodotti tiegħu. Tnedew prodotti ġodda u innovattivi sabiex jiġu indirizzati d-distakki fis-suq, jinfetaħ għal gruppi ta' klijenti ġodda, jirrifletti l-prijoritajiet tal-politiki li dejjem jinbidlu u r-rekwiżiti finanzjarji tal-Istati Membri, kif ukoll biex jimmassimizza r-riżorsi u jgħin jattira finanzjament addizzjonali. Dawn il-prodotti jvarjaw minn finanzjament ta' riskju għar-R&Ż għal self lil kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, minn fondi innovattivi għall-klima għal finanzjament kummerċjali. Fl-istess ħin, il-Bank poġġa l-kompetenza finanzjarja esperta tiegħu għas-servizz tal-ħtiġijiet tal-investiment tal-Ewropa billi espanda aktar is-servizzi ta' konsulenza tiegħu b'appoġġ għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti, użu aħjar tal-fondi tal-UE u aċċess imtejjeb għall-finanzjament..

Fl-2012, l-Istati Membri tal-UE qablu li jżidu l-kapital imħallas tal-BEI b'EUR 10 biljun, u għaldaqstant stajna nżidu l-attività ta' tislif tagħna b'madwar 40% bejn l-2013 u l-2015. Sa tmiem l-2014, ipprovdejna aktar minn EUR 50 biljun ta' tislif addizzjonali, fejn immobilizzajna aktar minn EUR 150 biljun f'investiment totali. Dan ifisser li mexjin tajjeb biex nilħqu l-mira tagħna ta' EUR 180 biljun ta' investiment addizzjonali mal-Ewropa kollha sa Marzu 2015, ferm qabel l-iskadenza fi tmiem is-sena.

Fl-2014, ksibna l-ogħla livell tagħna ta' firem mill-2009. B'mod kruċjali, 40% minn dawn kienu ma' kontropartijiet ġodda, indikazzjoni li l-istrateġija tagħna li niddiversifikaw il-bażi tal-klijenti tagħna u li nilħqu b'mod aktar profond swieq ġodda issa qed jagħti r-riżultati.

## Nistrieħu fuq ir-riżultati

Bħala l-bank tal-UE, li s-sidien tiegħu huma t-28 Stat Membru, nipprovdu finanzjament u kompetenza esperta għal investiment sod u sostenibbli. Il-missjoni tagħna hija li nappoġġaw proġetti b'impatt sinifikanti fuq ħajjet in-nies. Il-Grupp tal-BEI jikkonsisti fil-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), li jgħin biex jieħu ħsieb il-ħtiġijiet finanzjarji ta' riskju ogħla ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.

Filwaqt li nibnu fuq aktar minn 50 sena ta' esperjenza fil-finanzjament ta' proġetti, aħna wkoll l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja. Il-BEI jiġbor flus fuq is-swieq finanzjarji billi joħroġ bonds. L-affidabbiltà kreditizja tagħna tippermettilna niġbru fondi b'termini favorevoli. Dan il-vantaġġ finanzjarju jingħadda lill-klijenti – sew jekk huma korpi pubbliċi, korporazzjonijiet kbar jew negozji żgħar - skont il-mandat tal-BEI mhux biex jimmassimizza l-qligħ. Nipprovdu self fuq żmien twil, iżda wkoll, speċjalment permezz tal-FEI, garanziji u ekwità.

Ta' sikwit insellfu b'maturitajiet itwal minn dawk ta' banek kummerċjali jew swieq ta' bonds, billi nqabblu n-natura għal żmien twil tal-proġetti li niffinanzjaw. Għal bosta mill-klijenti tagħna, huwa importanti li nkunu nistgħu niddiversifikaw is-sorsi ta' finanzjament tagħhom, u approvazzjoni ta' self tal-BEI ta' sikwit tgħinhom jaċċessaw sorsi ta' finanzjament oħrajn. Insellfu direttament lil proġetti aktar kbar li jiswew 'il fuq minn EUR 25 miljun u nqassmu self iżgħar permezz ta' netwerk ta' intermedjarji finanzjarji lokali. Il-kompetenza esperta teknika u l-konsulenza tagħna jikkumplimentaw il-prodotti finanzjarji tagħna.

Għall-ewwel darba din is-sena, ir-Rapport tal-Attività tagħna jenfasizza xi wħud mir-riżultati mistennija mill-operazzjonijiet iffirmati fl-2014, li juru d-differenza li jagħmlu l-proġetti tagħna.

**L-iskop tagħna huwa li nipprovdu benefiċċji għaċ-ċittadini. Il-finanzjament tagħna huwa mezz biex jintlaħaq għan. Aħna nappoġġaw proġetti vijabbli li jistgħu jagħmlu differenza, u b'hekk qegħdin niffinanzjaw il-ġejjieni.**



# Il-prodotti tagħna

- **Self**
  - **Linji ta' kreditu**
  - **Self individwali** (ġeneralment 'il fuq minn EUR 25 miljun)
- **Investimenti ta' tip ta' ekwità**
- **Garanziji**
- **Servizzi ta' konsulenza**



# Pjan ta' investiment **għall-Ewropa**

Il-Pjan ta' Investiment propost mill-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker u l-President tal-BEI Werner Hoyer f'Novembru 2014 jagħmel parti minn strateġija aktar wiesgħa li tikkombina l-investiment, ir-riformi strutturali, l-integrazzjoni tas-suq uniku u r-responsabbiltà fiskali. Il-Pjan għandu fil-mira li jħeġġeġ l-investiment, b'mod partikolari fi proġetti ta' riskju ogħla, biex jgħin ikattar it-tkabbir u l-opportunitajiet tal-impjiegi u jtejjeb il-kompetittività tal-Ewropa.






*"Azzjoni effettiva biex tistimula aktar investiment mal-Ewropa kollha hija essenzjali biex iġġedded it-tkabbir ekonomiku, toħloq l-impjiegi u ttejjeb il-kompetittività tal-Ewropa."*

**Il-President Werner Hoyer**

Fi ħdan il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropa u l-Grupp tal-BEI ħolqu sħubija strateġika biex jindirizzaw id-distakki fis-suq u jgħinu biex jerfgħu r-riskju inerenti fi proġetti biex iħeġġu l-investiment privat. Flimkien qegħdin inniedu l-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku (EFSI). Il-finanzjament inizjali ta' EUR 21 biljun - garanzija ta' EUR 16-il biljun mill-baġit tal-UE u EUR 5 biljun mill-BEI - għandhom jirriżultaw f'investiment totali fi proġetti strateġiċi ta' mill-inqas EUR 315-il biljun matul it-tliet snin li ġejjin.

## Nimmobilizzaw l-investiment

Nużaw il-kapital inizjali biex nimmobilizzaw investiment privat u finanzjament pubbliku addizzjonali. L-element importanti għal dan huwa li nattiraw investituri privati li jgħinuna nimmobilizzaw l-investiment ġenerali f'żewġ modi: billi nħeġġu l-investituri privati biex jixtru l-bonds tagħna u billi nħeġġu lill-investituri biex jingħaqdu fil-proġetti tagħna.

L-EFSI jiggwida l-finanzjament lejn proġetti sodi fejn jista' jżid il-valur. Se jiffoka l-potenzjal tiegħu ta' finanzjament fuq setturi ta' importanza ewlenija għall-UE fejn il-BEI għandu kompetenza esperta ppruvata, bħal infrastruttura strateġika, inkluż investimenti diġitali, tat-trasport u tal-enerġija; edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni; finanzjament tal-SMEs; u proġetti sostenibbli ekoloġikament.

## Nindirizzaw id-distakki fis-suq

L-istudji li saru mill-BEI fil-bidu tal-2014 żvelaw distakk kbir fl-investiment b'mod allarmanti: l-investiment tal-UE fl-2013 kien madwar 15% taħt il-punt massimu qabel il-kriżi f'termini reali, fejn in-nuqqas laħaq 25% jew anke 60% f'xi Stati Membri.

L-EFSI jimmira li jegħleb dawn il-problemi billi jtaffi ftit mir-riskju għall- investituri bi ftit mir-riskju. L-inizjattiva l-ġdida se tippermetti lill-Grupp tal-BEI biex joffri prodotti li jappoġġaw proġetti bi profil ta' riskju ogħla u valur miżjud għoli. B'riżultat ta' dan, nistennew parteċipazzjoni konsiderevoli minn sorsi oħra ta' finanzjament, b'mod partikolari s-settur privat.

L-inizjattiva l-ġdida tikkumplimenta t-tislif addizzjonali li l-BEI qed iwassal bħala riżultat taż-żieda fil-kapital tiegħu. Din timmira biex tgħin taqsam l-għarfien tal-ġestjoni tal-proġetti u l-esperjenza sabiex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament u jiġi żgurat l-użu ottimali tal-fondi tal-UE. Nippruvaw inżidu valur lil hinn milli nipprovdu kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli, billi nikkombinaw fondi, nattiraw finanzjament addizzjonali u nipprovdu konsulenza dwar it-tħejjija u s-segwitu ta' proġetti.

# L-innovazzjoni għal tkabbir intelliġenti fl-Ewropa

L-innovazzjoni u l-ħiliet huma ingredjenti ewlenin biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi b'valur għoli. Dawn għandhom rwol importanti fit-tmexxija tal-kompetittività għal żmien twil fl-Ewropa. Għall-BEI, din hija prijorità ewlenija. Fl-2014, appoġġajna l-innovazzjoni u l-ħiliet permezz ta' EUR 14.7 biljun f'self tal-Grupp tal-BEI fl-Ewropa.

**14.7 bn** EUR

għall-promozzjoni tal-**innovazzjoni**

## Tislif skont is-settur sekondarju






### Punti ewlenin tal-2014:

- Firxa ta' prodotti ġodda ta' InnovFin għal innovaturi Ewropej ta' kull daqs
- Servizz ta' konsulenza ta' InnovFin imniedi għal proġetti kbar tar-R&Ż
- L-ewwel skema tal-bonds ta' proġett tal-broadband
- Appoġġ għal faċilità tar-riċerka ta' laser tal-aktar teknoloġija avvanzata

**Nagħmlu differenza** - It-tislif tagħna tal-2014 jappoġġa:

**25 000** applikazzjoni għal privattivi internazzjonali

**172 000** student irreġistrat kull sena

Aċċess għal broadband b'veloċità għolja għal **3.2** miljun dar



*"Ninsabu kuntenti li l-BEI għażel lil UCB bħala l-ewwel imsieħeb għall-approċċ ġdid tiegħu ta' 'finanzjament ta' żvilupp konġunt f'riskju'. Dan se jgħin biex jaċċellera l-iżvilupp ta' bosta proġetti promettenti fil-pjanijiet ta' UCB."*

**Roch Doliveux,**
CEO ta' UCB (2005-2014)

Bħala l-ewwel tranżazzjoni ta' dan it-tip taħt InnovFin – Finanzjament tal-UE għall-Innovaturi, il-pagamenti taħt dan il-programm ta' EUR 75 miljun huma dipendenti fuq il-kisba ta' miri, il-qsim tar-riskji u l-qligħ.

Aħna sieħeb ewlieni fl-appoġġ ta' proġetti biex niżviluppaw l-innovazzjoni u l-ħiliet, mill-finanzjament ta' riċerka ambizzjuża fuq skala kbira, għall-appoġġ ta' kumpaniji derivati speċjalizzati żgħar jew il-finanzjament ta' netwerks diġitali. Parti mill-missjoni tagħna biex nappoġġaw it-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa hija li nsostnu investimenti li huma mmirati lejn l-innovazzjoni, il-ħiliet u kompetittività akbar. Nistgħu ngħinu biex nassiguraw tali investimenti u nimmassimizzaw ir-riżorsi permezz tal-effett katalitiku tagħna.

## Il-promozzjoni tal-edukazzjoni u l-ħiliet – investiment fin-nies

Nappoġġaw investimenti li jtejbu l-kwalità u l-kompetittività tal-edukazzjoni, speċjalment billi ntejbu l-faċilitajiet tal-iskejjel u l-universitajiet, insostnu skemi ta' taħriġ vokazzjonali u oħrajn, jew niffinanzjaw programmi pan-Ewropej ta' self għall-istudenti biex tiżdied il-mobilità tal-istudenti. It-tislif tal-BEI fis-settur tal-edukazzjoni jista' jgħin biex itejjeb il-ħiliet ta' ħaddiema żgħażagħ fl-UE u għaldaqstant jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol.

## L-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni

It-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi futuri tal-Ewropa dejjem aktar iridu joriġinaw mill-innovazzjoni fi prodotti, servizzi u mudelli tan-negozju. L-avvanzi teknoloġiċi mix-xjenzi tal-ħajja għat-titjib ambjentali jiżguraw li s-settur tar-riċerka u l-iżvilupp tal-UE huwa minn ta' quddiem. Niffinanzjaw investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-innovazzjoni f'kull aspett, inkluż programmi ta' riċerka konġunta fil-livelli nazzjonali u tal-UE, infrastruttura tar-riċerka, riċerka akkademika f'universitajiet pubbliċi u privati, kif ukoll investimenti f'azzjonijiet downstream u appoġġ għal inkubaturi, parks tax-xjenza u t-teknoloġija u raggruppamenti, biex niffaċilitaw it-trasferiment tal-għarfien u l-kompetenza esperta bejn l-akkademiċi u s-settur tan-negozju. Self ta' EUR 100 miljun qed jappoġġa l-attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp tal-manifattur tat-turbini tar-riħ Nordex fil-Ġermanja.





*“Issib l-għodod l-aktar riċenti fit-teknoloġija tat-tagħlim f’kull klassi, li jappoġġaw lill-persuni li jkunu preżenti fiżikament, kif ukoll klassijiet eċċellenti permezz tal-internet.”*

**Christoph Badelt,**
Rettur tal-Università ta’ Vjenna għall-Ekonomija u n-Negozju

**22 500 student se jibbenefikaw mill-kampus miftuħ ġdid bl-aqwa teknoloġija fl-Università ta’ Vjenna għall-Ekonomija u n-Negozju, li rċeviet self ta’ EUR 250 miljun**

## L-ekonomija diġitali: essenzjali għal tkabbir għal żmien twil

Ingredjent ieħor li qed jistimula l-innovazzjoni teknoloġika huwa l-infrastruttura u s-servizzi diġitali. Applikazzjonijiet ibbażati fuq l-internet se jkomplu jkunu l-forza motriċi essenzjali tat-tkabbir tal-produttività. L-investiment fl-infrastruttura diġitali għaldaqstant huwa neċessarju biex jappoġġa t-traffiku tad-dejta li dejjem jikber fl-Ewropa u huwa wkoll wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Aġenda Diġitali tal-UE. Self tal-BEI ta’ EUR 58 miljun lil Axione b’appoġġ għas-servizzi tal-broadband fi Franza kien l-ewwel proġett diġitali iffirmat taħt l-inizjattiva tal-bonds ta’ proġetti innovattivi. Kull negozju qiegħed isir dejjem aktar negozju diġitali. L-internet b’veloċità għolja, in-netwerks mobbli u l-cloud computing għaldaqstant huma oqsma prijoritarji għall-Bank.





## Sħubija
# għal innovazzjoni aċċellerata fl-Ewropa

L-Ewropa qed taffaċċja sfida ġdida f'termini ta' kompetittività u innovazzjoni. Dan huwa għaliex il-Grupp tal-BEI qed jissieħeb ma' oħrajn biex jgħin lill-innovaturi jdawru l-ideat tajba f'realtajiet kummerċjali. Firxa ta' prodotti ġodda ta' InnovFin tipprovdi finanzjament għal innovaturi Ewropej ta' kull daqs.

F'Ġunju 2014, il-Grupp tal-BEI flimkien mal-Kummissjoni Ewropea nedew firxa ġdida ta' prodotti taħt InnovFin – Finanzjament tal-UE għall-Innovaturi. Dan għandu jikkumplimenta l-offerta finanzjarja tal-Grupp tal-BEI għal proġetti tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

**Sal-2020, il-prodotti InnovFin se jippreżentaw aktar minn EUR 24 biljun għar-riċerka u l-innovazzjoni f'kumpaniji ta' daqs żgħir, medju u kbir u infrastrutturi tar-riċerka.**



## InnovFin - Finanzjament tal-UE għall-Innovaturi

Wieħed mill-fatturi ewlenin li qed iżommu lura l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni huwa n-nuqqas ta' finanzjament disponibbli b'termini aċċettabbli għal negozji innovattivi, billi dawn it-tipi ta' kumpaniji jew proġetti ta' sikwit għandhom x'jaqsmu ma' prodotti u teknoloġiji kumplessi, swieq mhux ippruvati u assi intanġibbli. Fl-2014 rajna t-tnedija ta' prodotti ġodda taħt InnovFin, li wassal l-offerta tagħna lil klijenti ġodda, bħal kumpaniji innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja li nilħqu permezz ta' tislif dirett u indirett.

## Nibnu fuq inizjattiva pilota li rnexxiet

Meta nikkombinaw il-fondi tal-baġit tal-UE mal-finanzjament tal-Grupp tal-BEI, inkunu qed ngħinu biex nagħmlu aktar b'inqas billi nimmobilizzaw l-investiment minn partijiet oħra għall-benefiċċju tal-innovazzjoni madwar l-Ewropa kollha. Dan jibni fuq is-suċċess tal-Faċilità ta' Finanzjament għall-Qsim tar-Riskju, li ffinanzjat 114-il proġett tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-ammont ta' EUR 11.3 biljun u barra dan ipprovdiet garanziji ta' self li jiswew aktar minn EUR 1.6 biljun. InnovFin huwa mistenni li tal-anqas jirdoppja dan.

L-esperjenza turi li bosta proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni jaffaċċjaw diffikultajiet biex jassiguraw aċċess għall-finanzjament għalkemm dawn ikunu proġetti tajbin fundamentalment. L-Appoġġ ta' Konsulenza l-ġdid ta' InnovFin jgħinhom jikkapitalizzaw fuq is-saħħiet tagħhom u jaġġustaw elementi bħal governanza, finanzjament ta' sorsi u finanzjament ta' strutturi, sabiex itejbu l-aċċess tagħhom għall-finanzi.

# Appoġġ finanzjarju
# għal kumpaniji innovattivi fil-fażi tal-ftuħ

Il-FEI, bħala l-ispeċjalista tal-Grupp li jipprovdi finanzjament ta' riskju għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, impenja total ta' EUR 3.3 biljun fl-2014. Dan jinkludi appoġġ lil negozji żgħar innovattivi fl-istadji kollha tal-iżvilupp tagħhom. Is-sena li għaddiet ipprovda EUR 742 miljun fi tranżazzjonijiet ta' ekwità li kellhom fil-mira investituri informali, kumpaniji fil-fażi tal-ftuħ u kumpaniji fi stadju bikri, u EUR 653 miljun f'garanziji għal negozji żgħar innovattivi.

Fl-2014, il-FEI beda joħroġ ftehimiet ma' msieħba lokali, li jaġixxu bħala intermedjarji finanzjarji taħt il-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs ta' InnovFin. Din l-iskema, li hija mmaniġġjata mill-FEI, titmexxa minn banek lokali eliġibbli, kumpaniji tal-kiri u istituzzjonijiet ta' garanzija. Hawn, il-FEI jkopri porzjon tat-telf imġarrab mill-intermedjarji finanzjarji fuq is-self, il-kirjiet u l-garanziji ta' bejn EUR 25 000 u EUR 7.5 miljun, u għaldaqstant itejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal SMEs u kumpaniji żgħar ta' kapitalizzazzjoni medja innovattivi.

## Finanzjament ta' riskju li jaħdem għal negozji innovattivi

Ir-riċerka u l-innovazzjoni minn kumpaniji Ewropej, il-ħolqien ta' kumpaniji fil-fażi tal-bidu u l-appoġġ għal intrapriżi li qed jikbru huma objettivi fundamentali tal-politika tal-FEI, u huma partikolarment importanti għall-ekonomija billi dawn iwasslu għal bidla strutturali.

Il-biċċa l-kbira tal-ħidma tal-universitajiet u ċ-ċentri tar-riċerka għandha l-potenzjal li tiżviluppa f'ideat kummerċjali konkreti, li jwasslu għall-ħolqien ta' intrapriżi żgħar. Il-kummerċjalizzazzjoni tal-attivitajiet tar-riċerka u tat-trasferiment tat-teknoloġija li jbiddlu l-RŻI fi prodotti u servizzi kummerċjabbli, madankollu, ta' sikwit titqies li tkun ta' riskju wisq għoli biex tiġi ffinanzjata. Fl-2014, il-FEI investa EUR 111-il miljun biex jippromwovi t-trasferiment tat-teknoloġija permezz ta' sitt tranżazzjonijiet.

**Brolis Semiconducturs, kumpanija żgħira ta' teknoloġija avvanzata, b'uffiċċji rreġistrati f'Vilnjus, il-Litwanja, ibbenefikat minn kapital ta' riskju appoġġat mill-FEI biex tiżviluppa n-negozju tagħha. It-teknoloġija tagħha hija applikata f'għadd ta' oqsma inklużi d-dijanjostika medika, id-dermatoloġija, l-ipproċessar ta' materjali, is-sensers tal-gass, il-kontroll tal-proċess ta' kombustjoni u s-setturi tal-viżjoni billejl tas-sigurtà tad-djar.**



# L-appoġġ għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju

In-negozji ż-żgħar huma forza motriċi importanti tat-tkabbir, l-impjiegi u l-innovazzjoni fl-Ewropa. L-SMEs jirrappreżentaw ferm aktar minn 90% tan-negozji fl-UE u jimpjegaw żewġ terzi tal-popolazzjoni tax-xogħol attiva. Nippruvaw niżguraw aċċess għall-finanzjament għan-negozji aktar żgħar b'medda ta' prodotti ġodda u mfassla apposta. Fl-2014, il-Grupp tal-BEI pprovda finanzjament b'valur ta' aktar minn EUR 25.5 biljun għal SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fl-Ewropa.

**25.5bn** EUR

għal **intrapriżi ta' daqs żgħir u medju**

Il-Grupp tal-BEI għandu prijorità ewlenija li jappoġġa l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs. Bosta negozji aktar żgħar jaffrontaw diffikultajiet biex jassiguraw finanzjament b'termini aċċettabbli. Il-Grupp tal-BEI (BEI u FEI) jaħdem ma' firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji, bħal banek imsieħba lokali, fondi, kumpaniji tal-kiri u istituzzjonijiet tal-mikrofinanza biex il-finanzjament ikun disponibbli għall-SMEs, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u mikrointrapriżi. Kull euro pprovdut mill-BEI għall-SMEs jitqabbel ma' tal-anqas euro wieħed mill-intermedjarju.

## It-tislif tal-BEI u l-FEI għal negozji aktar żgħar fl-Ewropa




## Punti ewlenin tal-2014:

- Ikomplu livelli ta' tislif rekord għall-SMEs
- Koperazzjoni miżjuda mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet promozzjonali pubbliċi
- Inizjattiva għall-qgħad fost iż-żgħażagħ tagħmel il-frott
- Żieda fil-kapital tal-FEI u prodotti ġodda żviluppati

## **Nagħmlu differenza** - fl-2014

appoġġajna madwar
**285 000**
negozju ta' daqs mikro, żgħir u medju

**3.6** għinna nsostnu madwar miljun impjieg fl-Ewropa

għinna negozji żgħar, li impjegaw jew ħarrġu
**500 000**
żagħżugħ u żagħżugħa fl-2013-2014

***"L-imħuħ tajba u l-impjegati eċċellenti kienu jkunu għal xejn mingħajr is-selfiet."***

**Adrian u Adela Cățoiu,**
SARA armaturi tal-azzar tal-karbonju

**Adrian u Adela Cățoiu bdew in-negozju modern tagħhom ta' armaturi tal-azzar tal-karbonju b'USD 100 biss. Permezz ta' selfiet ta' EUR 9.9 miljun setgħu jikbru biex jipprovdu impjiegi għal madwar 200 persuna.**



# Appoġġ
# għall-aċċess għall-finanzjament għal SMEs u kumpaniji ta' kapitalizzazzjoni medja

Fl-2014, il-Grupp tal-BEI ħadem biex isaħħaħ l-appoġġ tiegħu għall-SMEs. Żidna l-koperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE u l-istituzzjonijiet promozzjonali pubbliċi biex nistabbilixxu faċilitajiet ta' finanzjament innovattivi magħmula apposta għall-SMEs biex nimmassimizzaw ir-riżorsi.

Żgurajna appoġġ kontinwu biex nerġgħu nqanqlu s-suq finanzjarju kummerċjali għall-SMEs f'pajjiżi li jġarrbu ineffiċjenzi fis-suq billi jitkabbar l-ambitu ġeografiku tal-faċilità Griega u l-approvazzjoni tal-Faċilità Finanzjarja Kummerċjali għall-Portugall. Eżempju ieħor ta' sħubija speċifika għall-pajjiż hija l-Korporazzjoni Bankarja Strateġika tal-Irlanda, li tnediet f'Ottubru 2014, li għaliha l-BEI qed jipprovdi EUR 400 miljun. Biex nimmassimizzaw l-impatt tal-appoġġ tagħna għall-mikrointrapriżi, l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, qed inkomplu nissieħbu mal-Kummissjoni Ewropea, il-banek promozzjonali nazzjonali u atturi ewlenin oħrajn biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament u jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' finanzjament.

## Investiment għaż-żgħażagħ

Il-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa waħda mill-akbar sfidi tal-Ewropa. Il-Grupp tal-BEI qed jipprova jtejjeb il-prestazzjoni tal-ġenerazzjoni żagħżugħa fis-suq tax-xogħol permezz tal-programm tiegħu "Ħiliet u Impjiegi – Investiment għaż-Żgħażagħ". Din l-inizjattiva timmira li tagħti spinta lill-impjiegi għaż-żgħażagħ billi ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u t-titjib tal-impjegabbiltà tagħhom permezz ta' investiment immirat fil-ħiliet. Madwar EUR 13-il biljun f'self ġie ffirmat fl-2014 taħt din l-inizjattiva.




*"Jien impjegajt 18-il persuna bejn 16 u 24 sena u għallimt lill-istudenti tagħna l-professjoni tal-iwweldjar."*

**Krzysztof Michalak,**
propjetarju ta' Alspaw fil-Polonja

**mexxej dinji fil-produzzjoni ta' sistemi tal-palk tal-aluminju.**



*"Is-self tal-BEI qabel b'mod perfett mal-ħtiġijiet tagħna. Is-self offrut permezz ta' Banco Santander kien aċċessat b'mod aġli, veloċi u faċli."*

**Gerardo Gutiérrez,**
President ta' Gadea Group Pharmaceuticals

**Il-Gadea Group, im-mexxi bl-impenn tiegħu lejn ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku, il-kwalità u l-internazzjonalizzazzjoni, kiber minn sitt persuni biex issa għandu persunal ta' aktar minn 300 ruħ.**

## Tislif intermedjat tal-Grupp tal-BEI



# Appoġġ tal-FEI
# **immirat għal negozji aktar żgħar**

> Fl-2014, il-FEI ċċelebra 20 sena ta' ħidma u baqa' forza motriċi ta' appoġġ immirat għal-SMEs u kumpaniji ta' kapitalizzazzjoni medja Ewropej. Impenja EUR 3.3 biljun, li pprovda ingranaġġ għal EUR 14-il biljun ta' kapital biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal negozji aktar żgħar.

Fl-2014, il-FEI għamel investimenti rekord f'74 fond ta' ekwità privata, fejn iggarantixxa portafolji ta' self u kirjiet ġodda tal-SMEs u kkontribwixxa biex jitqajjem is-suq tat-titolizzazzjoni tal-SMEs Ewropej, kif ukoll il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ħolqien tal-impjiegi permezz ta' tranżazzjonijiet mikrofinanzjarji. B'kollox, 175 000 negozju madwar l-Ewropa kollha bbenefikaw mill-appoġġ tal-FEI fl-2014.

## Żieda fil-kapaċità tal-FEI biex tingħata spinta lil SMEs innovattivi

Fl-2014, l-azzjonisti tal-FEI approvaw żieda fil-kapital ta' EUR 1.5 biljun, sabiex il-kapital totali awtorizzat ammonta għal EUR 4.5 biljun. Permezz ta' din, il-FEI ingħata ambitu estensiv biex jiżviluppa operazzjonijiet, isaħħaħ l-offerta finanzjarja tiegħu u jżid il-volumi tat-tranżazzjonijiet. L-FEI fassal strumenti ġodda għal ekwità, dejn, titjib tal-kreditu u mikrofinanzjament immirati biex idaħħlu aktar kapital u jattiraw investituri privati u msieħba strateġiċi lejn is-suq, sabiex in-negozji Ewropej jingħataw il-mezzi biex jiżvilluppaw il-kompetittività tagħhom u jikbru.

Fl-2014 rajna wkoll it-tnedija ta' Mandat ġdid tal-Grupp tal-BEI għat-Titjib tar-Riskju, li huwa mistenni jerġa' jqajjem is-suq tal-SMEs u joffri firxa ġdida ta' prodotti ta' finanzjament tad-dejn u l-ekwità, inkluża titolizzazzjoni appoġġata minn assi. Il-BEI se jikkontribwixxi sa EUR 4 biljun għal din l-inizjattiva sal-2020 għall-benefiċċju ta' SMEs innovattivi u ta' riskju ogħla.






*"L-FEI pprovda biżżejjed fondi għal kumpaniji fil-fażi tal-ftuħ bħal Workable mhux biss biex ikunu jistgħu jibdew, iżda wkoll biex jipproċedu għal livell fejn id-ditti kbar tal-kapital ta' riskju fl-Ewropa jkunu lesti li jmexxuha aktar 'il quddiem."*

**Nicos Moraitakis,**
Fundatur u CEO ta' Workable

**18-il xahar wara l-ftuħ, b'20 impjegat ta' talent, b'aktar minn 300 klijent u żieda ta' malajr fid-dħul, il-fundaturi jinsabu kuntenti li għażlu l-finanzjament tal-FEI.**



Fl-2014,
**l-FEI impenja total ta' EUR**

**3.3bn** EUR

biex jipprovdi **finanzjament ta' riskju** għall-**SMEs** u l-**kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja**

# Il-ħolqien ta' rabtiet strateġiċi fl-infrastruttura tal-Ewropa

L-enerġija effiċjenti, it-trasport u l-kollegamenti urbani huma katalizzaturi importanti fin-negozju. Għalhekk il-bini ta' netwerks għas-suq intern jgħin biex irawwem it-tkabbir u jżid il-kompetittività tal-Ewropa. Aħna l-imsieħeb finanzjarju naturali għal investimenti fl-infrastruttura, li b'mod tipiku huma kbar kif ukoll għal żmien twil. Fl-2014, il-BEI pprovda madwar EUR 20.6 biljun f'self għat-trasport, l-enerġija u l-infrastruttura urbana fl-Ewropa.

**20.6bn** EUR
għal **infrastruttura strateġika**

### Tislif skont is-settur sekondarju




## Punti ewlenin tal-2014:

- Kollegament tal-grilja tar-Renju Unit u l-akbar self li qatt sar tal-BEI
- L-ewwel proġetti tat-trasport taħt l-inizjattiva tal-bonds tal-proġetti
- Servizzi ta' konsulenza teknika msaħħa
- Erba' proġetti tal-akkomodazzjoni soċjali u sitt proġetti ta' sptarijiet taħt l-infrastruttura urbana

Il-Bank joffri ferm aktar minn sempliċi finanzjament għal proġetti tal-infrastruttura. Barra dan, u biex nissupplimentaw l-esperjenza sinifikanti tagħna fit-tislif għall-infrastruttura, infittxu li nżidu valur permezz tas-servizzi ta' konsulenza teknika, b'mod partikolari f'reġjuni inqas żviluppati jew fuq proġetti li jinvolvu strutturi kumplessi, bħal sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs).

**Nagħmlu differenza** - It-tislif tagħna tal-2014 jappoġġa:

**545** miljun
passiġġier addizzjonali u
**100** miljun
siegħa ta' ħin iffrankat
kull sena

**6 000** MW
ta' kapaċità elettrika,
li minnhom

**80%** minn enerġija
rinnovabbli

Faċilitajiet imtejba
**tal-kura tas-saħa** għal
**10**
miljun
ċittadin tal-UE



*"It-termini u l-kundizzjonijiet tal-finanzjament tal-BEI żiedu s-sostenibbiltà tal-proġett u naqqsu r-riskju tal-investiment."*

**Peter Frølich,**
Chairman ta' Board of Fjord Line

**Self tal-BEI ta' EUR 124 miljun għen lil żewġ laneċ tat-traġitti ġodda li jaħdmu bil-gass naturali likwifikat (LNG) biex jipprovdu rotta effiċjenti u ekoloġika bejn in-Norveġja u d-Danimarka.**

## Nibnu

# Ewropa interkonnessa

Huma meħtieġa kollegamenti tat-trasport tajbin biex jagħtu l-ħajja lis-suq uniku tal-Ewropa ta' 500 miljun konsumatur. Il-kollegamenti tat-trasport trans-Ewropej iżidu l-potenzjal biex jiġi ġġenerat il-kummerċ, jitrawwem it-tkabbir ekonomiku u tingħata spinta lill-kompetittività. Fl-2014, il-BEI silef EUR 8.2 biljun għan-netwerks ewlenin tat-trasport tal-UE.

Il-BEI jipprovdi finanzjament għall-infrastruttura ta' kull mod ta' trasport: mill-ajru għall-ferrovija, toroq jew passaġġi fuq l-ilma. Dan jinkludi appoġġ għal pjattaformi multimodali li jikkombinaw modi differenti ta' trasport, loġistika u sistemi intelliġenti tat-trasport. Ir-riżultati huma benefiċċji tanġibbli għan-negozji u ċ-ċittadini kollha li jgawdu minn sistema ta' trasport aktar effiċjenti, sostenibbli u effettiva.

L-inizjattiva għal Assistenza Konġunta fis-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS) tgħin biex timmassimizza l-impatt tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni tal-UE fejn huma meħtieġa l-aktar, għall-benefiċċju ta' proġetti ewlenin. Sa mill-bidu tagħha fl-2006, ġie approvat total ta' 389 proġett appoġġat minn JASPERS f'14-il pajjiż, li jirrappreżentaw kważi EUR 67 biljun ta' investimenti – li minnhom aktar minn EUR 10 biljun fl-2014 biss..

**Self tal-BEI ta' EUR 38 miljun jappoġġa kapaċità mtejba tal-provvista tal-enerġija u fjuwil aktar nadif fil-Port ta' Rotterdam bl-espansjoni tal-infrastruttura break bulk ta' gass naturali likwifikat (LNG).**



**Sa mit-tnedija tagħha fl-2013, l-inizjattiva tal-bonds tal-proġetti irnexxielha tingrana finanzjament ta' bonds f'ħames proġetti. Fl-2014, iffirmajna l-ewwel attivitajiet tal-bonds ta' proġetti li jiswew madwar EUR 239 miljun.**

## Fl-2014, il-BEI appoġġa



**16**
-il proġett ta' toroq u awtostradi



**3**
proġetti tat-trasport bl-ajru



**9**
proġetti tal-ferrovija



**4**
proġetti tat-trasport bil-baħar




Self ta' EUR 180 miljun qed jgħin fl-immodernizzar ta' 66 km tal-linja Rail Baltica, li bbenefikat ukoll mill-assistenza teknika ta' JASPERS matul it-tħejjija tal-proġett. Din se toffri servizz tal-ferrovija aktar veloċi u affidabbli.

L-iffurmar ta'
# bliet intelliġenti u sostenibbli

Fil-qalba tal-attivitajiet tal-BEI fl-infrastruttura urbana hemm il-mira li l-ibliet isiru aktar ekoloġiċi, intelliġenti u sostenibbli. Fl-2014 il-BEI investa EUR 4.8 biljun fi proġetti tal-iżvilupp urban, ir-riġenerazzjoni u s-saħħa.



**Pilsen, ir-raba' belt l-aktar ippopolata fir-Repubblika Ċeka, se tospita aktar minn 600 avveniment kulturali bħala waħda mill-Bliet Ewropej tal-Kultura 2015. Bl-appoġġ mill-BEI, din il-belt, li qabel kienet waħda industrijali, ġiet ittrasformata f'ċentru kapitali bieżel.**

**L-appoġġ tagħna għat-titjib tal-isptarijiet jikkontribwixxi biex tiġi pprovduta kura tas-saħħa mtejba għal 10 miljun ċittadin tal-UE.**



# Nistimolaw **l-ekonomija**

Provvista tal-enerġija li hija sigura u sostenibbli bi prezzijiet affordabbli hija kruċjali għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE. Billi jenfasizza b'mod partikolari fuq kollegamenti tal-enerġija ewlenin, grilji intelliġenti u sorsi rinnovabbli tal-enerġija, il-Bank jikkontribwixxi biex il-provvista tal-enerġija tkun sostenibbli għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Ewropa. Fl-2014, il-BEI pprovda EUR 7.5 biljun f'finanzjament għal proġetti fl-enerġija.

Il-BEI huwa fost l-akbar fornituri ta' investiment fil-grilja elettrika fl-Ewropa, b'enfasi speċjali fuq l-hekk imsejħa grilji intelliġenti. L-investiment fil-grilji biex jiġġeddu jew jiġu estiżi l-assi eżistenti jsaħħaħ is-suq intern. L-immodernizzar tan-netwerks tal-enerġija u l-ħażna mtejba tal-enerġija jgħinu wkoll biex l-enerġija minn sorsi rinnovabbli tiġi integrata.

L-Istandard tal-Prestazzjoni tal-Emissjonijiet tagħna jiġi applikat għall-proġetti kollha tal-ġenerazzjoni ta' karburanti fossili biex jiffiltraw 'il barra l-investimenti li l-emissjonijiet tal-karbonju tagħhom jaqbżu l-livell tal-limitu, skont il-limiti nazzjonali u tal-UE. Dan jiżgura li t-tislif ikun ristrett għal proġetti li jagħmlu kontribuzzjoni pożittiva għat-tkabbir ekonomiku u li huma konsistenti mal-politika tal-UE dwar il-klima.





**Self ta' EUR 32 miljun iffinanzja l-kostruzzjoni ta' impjant tal-ġenerazzjoni tal-elettriku bħala backup f'Kiisa biex tiġi żgurata provvista kontinwa tal-elettriku f'każ ta' emerġenza fl-Estonja, il-Latvja jew il-Litwanja.**

# Il-finanzjament jaħdem għall-azzjoni għall-klima u l-ambjent

L-azzjoni għall-klima hija integrali għat-tkabbir sostenibbli. Il-Bank huwa fost l-akbar fornituri ta' finanzjament għall-azzjoni għall-klima. Nappoġġaw l-għan tal-UE għal tkabbir b'użu baxx tal-karbonju u reżiljenti għall-klima kemm ġewwa u barra l-Unjoni. Fl-2014, ipprovdejna madwar EUR 19.1 biljun biex nappoġġaw proġetti ta' azzjoni għall-klima fl-Ewropa u madwar id-dinja. Il-BEI qed jissieħeb ma' oħrajn biex niftħu aktar investiment fi proġetti ta' azzjoni għall-klima u tal-ambjent.

**19.1bn** EUR

f'appoġġ għall-**azzjoni għall-klima** globalment

## Punti ewlenin tal-2014:

- Involviment fit-taħditiet tan-NU dwar il-klima fil-preparamenti għas-Summit ta' Pariġi
- Tmexxija tal-isforzi internazzjonali għal finanzjament trasparenti u responsabbli għall-klima
- Tnedija ta' strumenti ġodda li jappoġġaw l-effiċjenza fl-enerġija u investimenti ta' bijodiversità
- Sostenn għall-akbar park eoliku fid-dinja fil-Pajjiżi l-Baxxi
- Tpaċija tal-emissjonijiet tal-karbonju tagħna stess b'investiment fil-bijodiversità

Il-Bank ilu sa mill-2009 ikejjel l-impronta tal-karbonju tal-proġetti tal-BEI fis-setturi kollha, sabiex isegwi aħjar il-prestazzjoni tiegħu f'termini ta' emissjonijiet u ffrankar. Bis-saħħa tal-finanzjament tiegħu fl-2014, ġew iffrankati jew evitati madwar 3 miljun tunnellata fis-sena ta' emissjonijiet $CO_2$, li hija bejn wieħed u ieħor ekwivalenti daqs li kieku tneħħew 1.5 miljun karozza mit-toroq.

*"Ninsabu sodisfatti li sibna msieħeb finanzjarju kompetenti u affidabbli għall-proġetti tagħna."*
**Dr Christof Germann,**
Membru tal-Bord tal-kumpanija għall-provvista tal-elettriku Illwerke AG

**L-impjant Obervermuntwerk II, li għandu kapaċità ta' 360-MW, ser jisfrutta l-qawwa naturali tal-ilma u l-muntanji Awstrijaċi biex jibbilanċja d-diskrepanza bejn il-provvista u d-domanda tal-enerġija.**



## **Nagħmlu differenza** - It-tislif tagħna tal-2014 jappoġġa:

**3** Ġew iffrankati **miljun tunnellata fis-sena** ta' emissjonijiet $CO_2$, daqs li kieku tneħħew **1.5 miljun karozza mit-toroq**

**3 000**
**GWh ta' ffrankar fl-enerġija**

**12 000**
**GWh ta' elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli** kull sena, li jipprovdu **l-elettriku għal aktar minn Miljun dar**

## Tqassim tal-finanzjament għall-klima






## Lejn

# ekonomija b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għall-klima

Il-BEI jappoġġa l-għan tal-UE li l-ekonomija Ewropea ssir aktar ekoloġika u tnaqqas b'mod sinifikanti l-konsum tal-enerġija sal-2050. Waħda mill-isfidi globali l-aktar kritiċi ta' żminijietna hija li nibnu ekonomija b'użu baxx tal-karbonju. Din il-bidla għal ekonomija aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u aktar intelliġenti hija vitali biex l-Ewropa tibqa' kompetittiva.

L-appoġġ finanzjarju tal-BEI għal azzjoni għall-klima u l-ambjent huwa mmirat direttament permezz tat-tislif lis-setturi għall-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, it-trasport sostenibbli, l-ilma, il-ġestjoni tal-għargħar u l-forestrija. Il-konsiderazzjonijiet ambjentali u klimatiċi jiġu meqjusa fl-attivitajiet tiegħu kollha, pereżempju billi jagħmel użu mill-aħjar teknoloġija disponibbli.

L-eżerċizzju tal-impronta tal-karbonju tagħna jiġbor l-emissjonijiet stmati tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) minn proġetti fejn dawn huma mistennija li jkunu sinifikanti, jiġifieri, fejn dawn jaqbżu wieħed jew it-tnejn miż-żewġ limiti li ġejjin:

- emissjonijiet assoluti (emissjonijiet attwali mill-proġett) > 100 000t $CO_2$-ekwivalenti/sena għal sena standard tal-operazzjonijiet tal-proġett
- emissjonijiet relattivi (żidiet jew tnaqqis stmati ta' emissjonijiet meta mqabbla ma' alternattiva mistennija) > 20 000t $CO_2$-ekwivalenti/sena

Fl-2014, 70 mill-proġetti fil-portafoll tagħna ġew inklużi fl-eżerċizzju tal-impronta. Dawn jirrappreżentaw firem jew approvazzjonijiet ta' allokazzjoni totali tal-BEI għal EUR 15.1 biljun. L-emissjonijiet GHG assoluti totali relatati minn dawn il-proġetti huma stmati bħala 4.7 miljun tunnellata ta' $CO_2$-ekwivalenti kull sena, b'iffrankar ġenerali mill-istess operazzjoni ta' finanzjament stmat għal 3.0 miljun tunnellata ta' $CO_2$-ekwivalenti fis-sena. Ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-impronta tal-karbonju 2014 tal-BEI huma rrappurtati f'aktar dettall fir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà 2014.



**Sistemi solari fuq il-bjut fuq il-gżira Kroata ta' Lošinj fil-Baħar Adrijatiku qed jipproduċu elettriku mingħajr emissjonijiet għal madwar 100 dar. Il-proġett ġie ffinanzjat mill-imsieħeb tal-BEI Prinvredna banka Zagreb taħt il-Fond Ekoloġiku għat-Tkabbir.**



*"Bristol hija pijunier fl-approċċ tagħha għall-enerġija u s-sostenibbiltà. Is-sena ta' Bristol bħala Belt Ekoloġika Ewropea toffri opportunità enormi biex inħejju għall-ġejjieni. Jekk il-pjanijiet tal-kumpanija tal-enerġija jiġu approvati, mela dan ikun eżempju ieħor ta' kif Bristol qiegħda fuq quddiem sabiex il-bliet tar-Renju Unit isiru aktar ekoloġiċi u sostenibbli."*

**George Ferguson,** Sindku ta' Bristol.

**Fl-2012 il-Kunsill ta' Bristol applika għal finanzjament tal-BEI biex imexxi studji ta' fattibilità għal kumpanija tal-enerġija ġdida.**

## Jitħaddmu l-finanzi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet

Il-finanzjament tal-BEI għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija jikkontribwixxi direttament għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. L-appoġġ għal dawn l-objettivi ammonta għal EUR 8.2 biljun fl-2014.

Il-BEI huwa l-finanzjatur ewlieni fl-enerġija mir-riħ fl-UE, b'mod partikolari għal parks eoliċi onshore u offshore. Fl-2014, il-BEI ffinanzja 12-il operazzjoni ta' parks eoliċi. Dawn il-proġetti huma kbar, għal żmien twil u teknikament diffiċli ħafna. Il-BEI huwa għaldaqstant is-sieħeb naturali għal dan is-settur, kemm f'termini ta' finanzjament iżda wkoll għall-kompetenza esperta teknika. Għal raġunijiet simili, il-Bank jiffinanzja proġetti tal-enerġija solari, kemm enerġija solari kkonċentrata u kif ukoll dik fotovoltajka, fejn iffirma disa' operazzjonijiet solari fl-2014.

Il-konsiderazzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija huma meqjusa fil-proġetti kollha vvalutati mill-Bank. Il-finanzjament tal-BEI għal proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija jkopri kemm in-naħa tal-provvista, bħal sħana u enerġija kkombinati u tisħin distrettwali, kif ukoll in-naħa tad-domanda, primarjament l-insulazzjoni ta' bini pubbliku u privat. Fl-2014, kienu ddedikati EUR 2.3 biljun għal proġetti tal-effiċjenza fl-enerġija.

Il-BEI jaħdem ukoll upstream ma' promoturi ta' proġetti, fejn jipprovdi assistenza teknika għall-iżvilupp ta' proġetti. L-Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA) hija inizjattiva konġunta tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea li tgħin lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex iħejju proġetti dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli biex ikunu aktar attraenti għall-finanzjament estern. ELENA tkopri sehem tal-ispiża tal-appoġġ tekniku li huwa meħtieġ għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-programm ta' investiment. Fl-2014, l-impenji għall-assistenza teknika għall-benefiċjarji taħt ELENA ammontaw għal EUR 19-il miljun, u l-impenji totali ammontaw għal EUR 65 miljun.

## Appoġġ għal soluzzjonijiet tat-trasport ekoloġiċi

Il-miri tal-appoġġ tal-BEI għal trasport sostenibbli jvarjaw bejn il-kostruzzjoni, l-estensjoni jew ir-riabilitazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport pubbliku urban permezz tas-sigurtà tat-toroq, il-promozzjoni taċ-ċikliżmu u n-netwerks għan-nies fit-triq, u l-vetturi elettriċi. Il-Bank irawwem ukoll l-iżvilupp ta' vetturi aktar nodfa u siguri billi jiffinanzja r-riċerka u l-iżvilupp għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-enerġija u b'emissjonijiet baxxi. Il-proġetti appoġġati jgħinu biex itejbu l-kwalità tal-arja, inaqqsu t-tniġġis mill-istorbju, itejbu s-sigurtà u l-effiċjenza fl-enerġija u jillimitaw l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.

**Fl-2014, il-Bank għen biex jiffinanzja:**




## Inżidu r-reżiljenza tal-klima u l-ħarsien tal-ambjent

L-adattament bikri għall-konsegwenzi tal-bidla fil-klima huwa aktar effettiv u jiswa inqas minn azzjoni ta' emerġenza tal-aħħar minuta. Magħrufa bħala r-reżiljenza tal-klima, dawn il-konsiderazzjonijiet jiġu meqjusa fil-proġetti kollha tal-BEI. Appoġġ għal proġetti li jgħinu biex iżidu r-reżiljenza tal-klima u jadattaw għall-bidla fil-kundizzjonijiet tat-temp ammontaw għal total ta' kważi EUR 400 miljun fl-2014.

Ħafna mill-attivitajiet tal-Bank relatati mal-forestrija huma miżuri adattivi. Pereżempju, l-imsaġar jistgħu jgħinu biex jimpedixxu t-tagħwir tal-ħamrija u jnaqqsu r-riskju tal-għargħar, biex ma nsemmux il-benefiċċji għall-bijodiversità, il-fertilità tal-ħamrija u l-ġestjoni tal-punt fejn ix-xmajjar jibdlu d-direzzjoni. Jaġixxu wkoll bħala mħażen tal-karbonju li jirregolaw il-klima globali.

Il-frekwenza dejjem tikber ta' kundizzjonijiet ta' temp estrem għandha impatti serji fuq id-disponibbiltà u l-kwalità tar-riżorsi ta' ilma frisk, li twassal għal diżastri naturali relatati mal-ilma bħal nixfiet u għargħar. Il-BEI, bħala l-akbar sors ta' finanzjament ta' self għas-settur globali tal-ilma, jipprova jappoġġa l-adattament billi jgħin fl-iżvilupp ta' ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma. Bis-saħħa tal-finanzjament tagħna fl-2014, madwar 27 miljun persuna fl-UE u madwar id-dinja kollha ser igawdu minn ilma tax-xorb u servizzi tal-immaniġġjar tal-ilma tad-dranaġġ aktar effiċjenti, affidabbli u reżiljenti.

## Nissieħbu għal soluzzjonijiet innovattivi tal-finanzjament għall-klima

Il-prodotti innovattivi tagħna tal-finanzjament għall-klima jgħinu biex jikkatalizzaw l-investiment privat u jingranaw il-fondi pubbliċi. Dawn il-prodotti huma eżempji tajbin dwar kif intejbu l-finanzjament għall-klima. Il-fondi tagħna tal-ekwità u l-karbonju jappoġġaw proġetti ta' azzjoni għall-klima fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Il-Bank appoġġa dejn u fondi tal-ekwità speċifiċi għall-klima b'volum ta' investiment totali ta' EUR 616 miljun fi tmiem l-2014. Tali sħubijiet huma partikolarment importanti biex irawmu l-innovazzjoni fil-finanzjament għall-klima u jattiraw aktar finanzjament għal proġetti għall-klima.

Tnedew għadd ta' strumenti innovattivi ġodda fl-2014 u dawn se jibdew matul l-2015. Dawn jinkludu l-istrument ta' Finanzjament Privat għall-Effiċjenza fl-Enerġija, li jipprovdi l-finanzjament ta' riskju lil banek li jaġixxu bħala intermedjarji għal proġetti aktar żgħar tal-effiċjenza fl-enerġija, u l-Faċilità Naturali ta' Finanzjament ta' Kapital għal investimenti fil-preservazzjoni tal-bijodiversità, is-servizzi tal-ekosistema u l-adattament għall-bidla fil-klima bbażat fuq in-natura.

Is-sistema tagħna għall-identifikazzjoni u s-segwitu tal-finanzjament tal-klima tagħna hija partikolarment robusta. Fl-2014, il-BEI rnexxielu jmexxi ħidma konġunta tal-Banek tal-Iżvilupp Multilaterali (MDBs) dwar il-metodoloġija, il-ġbir tad-dejta u r-rappurtaġġ. Din tgħin biex tiżdied it-trasparenza u r-responsabbiltà ta' finanzjament pubbliku għall-klima. Fl-2014, ippubblikajna r-Rapport Konġunt dwar il-Finanzjament għall-Klima 2013 tal-MDBs u, flimkien mal-MDBs l-oħra, ħriġna Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Finanzjament għall-Klima.

Il-Verifika dwar l-Azzjoni għall-Klima tal-BEI, li tnediet fil-bidu tal-2015, hija maħsuba li titlesta qabel it-taħditiet dwar il-klima li se jsiru f'Pariġi lejn tmiem is-sena u li huma mistennija li jippreżentaw ftehim globali ġdid li jissostitwixxi l-Protokoll ta' Kjoto kurrenti.



**Self ta' EUR 120 miljun b'appoġġ għall-Ministeru Slovakk tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali se jikkontribwixxi għal proġetti ta' tisġir, ħarsien u ġestjoni mtejba tal-foresti u t-titjib tal-infrastruttura agrikola.**

**Il-Fond tal-Klima Althelia ffinanzjat mill-BEI għandu fil-mira proġetti ta' pajsaġġ sostenibbli biex jiġġeneraw dħul finanzjarju, ambjentali u soċjali. Fost l-ewwel investimenti hemm il-konservazzjoni ta' 570 000 ettaru ta' foresta naturali fil-Perù.**



**Investejna EUR 80 miljun f'mini-bonds Taljani, struttura innovattiva ta' finanzjament ta' titolizzazzjoni li tappoġġa l-attività ta' investiment ta' kumpaniji ta' daqs żgħir u medju li joperaw fis-settur tal-ilma fir-Reġjun ta' Veneto, -Italja.**

# Il-provvediment ta' finanzjament madwar id-dinja kollha

L-attivitajiet tagħna madwar id-dinja kollha jappoġġaw l-għanijiet tal-politika barranija tal-UE. Qed nissieħbu mal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizzi Ewropej għall-Azzjoni Esterna, kif ukoll ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħrajn biex niffinanzjaw proġetti li jappoġġaw l-għanijiet tal-politika tal-UE barra mill-Unjoni. Fl-2014, it-tislif tal-BEI madwar id-dinja kollha laħaq madwar EUR 7.9 biljun.

## Punti ewlenin tal-2014:

- Impenn ferm b'appoġġ għall-Ukraina
- Faċilità ta' Kapital ta' Riskju ġdida għall-Mediterran
- Sħubija ma' MDBs u IFIs oħra dwar Faċilità ta' Infrastruttura Globali ġdida
- L-ewwel self fl-Azerbajġan



## **Nagħmlu differenza** - It-tislif tagħna tal-2014 jappoġġa

**4** miljun **persuna** li jibbenefikaw minn aċċess għal **ilma tajjeb għax-xorb jew sanità mtejba f'ekonomiji emerġenti u li qed jiżviluppaw**



**23 500**

**unità domestika** b'akkomodazzjoni mtejba



It-tislif barra mill-UE jappoġġa s-sostenn tal-BEI għall-prijoritajiet esterni tal-UE permezz ta' investimenti għal żmien twil. Il-Bank irawwem proġetti li jikkontribwixxu għaż-żieda fit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi billi jipprovdi assistenza finanzjarja u teknika għall-iżvilupp tas-settur privat lokali, l-infrastruttura soċjali u ekonomika u proġetti ta' azzjoni għall-klima.

Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet finanzjarji tal-Bank barra mill-Unjoni jitwettqu taħt ftehim ta' garanzija tal-baġit tal-UE, stabbilit f'mandati esterni għal reġjuni differenti tad-dinja. Fl-2014 rajna l-bidu tal-perjodu tal-mandat imġedded (2014-2020), li għalih il-garanzija totali tal-UE tkopri sa EUR 30 biljun.



*"Qegħdin tipprovdu l-kontribuzzjoni l-aktar tanġibbli lill-Ukraina fl-aħħar żminijiet."*

**Il-Prim Ministru Yatsenyuk tal-Ukraina**

**It-tislif tal-BEI fl-2014 fl-Ukraina laħaq kważi EUR 1 biljun bħala parti mill-pakkett ta' self ta EUR 3 biljun skedat għall-2014-2016, inkluż tislif biex jassisti t-tiswija ta' infrastruttura danneġġata fuq skala żgħira, jgħin fl-immaniġġjar tal-konsegwenzi tal-konflitt u jappoġġa l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.**



## It-tislif barra mill-UE skont ir-reġjun






Self ta' EUR 1 miljun lil Taysir, li hija speċjalizzata fl-iżvilupp ta' mikrointrapriżi f'żoni żvantaġġati tat-Tuneżija, jibbenefika lill-bdiewa żgħar, raħħala u żgħażagħ, b'mod partikolari gradwati li jixtiequ jistabbilixxu negozju.

Il-mandat tat-tislif għall-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (PTB) jaqa’ taħt il-Ftehim ta’ Cotonou, li jistabbilixxi r-relazzjonijiet tal-UE ma’ dawn il-pajjiżi msieħba. Il-finanzjament f’dan il-qafas huwa pprovdut mill-baġits tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, flimkien mar-riżorsi tal-BEI stess.

Is-sħubija ma’ oħrajn hija karatteristika importanti tal-operazzjonijiet tal-Bank. L-għotjiet tal-UE huma dejjem aktar ikkombinati mat-tislif tal-BEI biex jinkisbu riżultati aħjar tal-proġetti. Dan jgħin biex jingrana riżorsi finanzjarji limitati għall-benefiċċju tal-pajjiżi msieħba tal-UE u jtejjeb l-effettività tal-iżvilupp. Il-BEI se jipparteċipa fl-avvenimenti li se jsiru fil-qafas tas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp fl-2015.



**eThekwini Water and Sanitation, parti mill-Muniċipalità ta’ Durban fl-Afrika t’Isfel, irċeviet il-Premju tal-Ilma tal-Industrija ta’ Stokkolma 2014. Fl-aħħar 14-il sena, 1.3 miljun persuna addizzjonali fil-periferiji ta’ Durban ġew ikkollegati mal-ilma pprovdut bil-pajpijiet u 700 000 persuna ġew ipprovduti b’aċċess għal toilets. Il-BEI qiegħed jappoġġa dan il-proġett b’self ta’ EUR 50 miljun.**

# Is-saħħa finanzjarja għas-servizz tal-investiment

Il-BEI huwa l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja. Fl-2014, huwa ġabar EUR 61.6 biljun fuq is-swieq kapitali internazzjonali. Nużaw is-saħħa finanzjarja tagħna biex nissellfu b'rati attraenti u ngħaddu l-vantaġġ tal-ispiża lil proġetti li huma vijabbli ekonomikament li jippromwovu l-objettivi tal-politika tal-UE. Il-Bank jiġbor il-finanzjament tiegħu globalment, u b'hekk huwa mezz importanti biex jiġi attirat investiment lejn l-Unjoni Ewropea.

## Punti ewlenin tal-2014:

- Il-Bank reġa' assigura volum kbir ta' finanzjament - EUR 61.6 biljun
- L-attivitajiet ta' self ibbenefikaw minn tisħiħ tal-affidabbiltà kreditizja għolja tal-Bank
- Emittent ewlieni ta' Bonds Ekoloġiċi, bil-ġbir ta' EUR 4.3 biljun

## Distribuzzjoni tal-ħruġ tal-bonds tal-BEI skont ir-reġjun:



L-azzjonisti tal-BEI huma t-28 Stat Membru tal-UE. Kull wieħed jissottoskrivi sehem tal-kapital tal-Bank fi proporzjon mal-piż ekonomiku tagħhom fiż-żmien meta daħlu fl-UE. Il-BEI għaldaqstant huwa responsabbli lejn l-Gvernijiet tal-Istati Membri.

Il-BEI jiġbor fondi għal żmien twil permezz tal-ħruġ ta' bonds fis-swieq kapitali internazzjonali biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' tislif tiegħu. Is-saħħa finanzjarja hija derivata b'mod partikolari mill-kwalità tal-assi, l-appoġġ qawwi tal-azzjonisti, il-governanza soda, il-ġestjoni tar-riskju prudenti, il-profittabilità sostnuta u likwidità qawwija.

Fi tmiem l-2014 il-proporzjon tal-adegwatezza kapitali (CAD) tal-Bank – il-proporzjon tal-kapital tal-Bank mal-assi tiegħu skont ir-riskju – kien 26%, virtwalment mhux mibdul meta mqabbel mat-tmiem l-2013 (26.1% fil-31 ta Diċembru 2013). Dan huwa spjegat mill-impatt pożittiv kumulattiv ta' titjib fil-kwalità tal-portafoll ta' self, l-eċċess nett annwali u l-pagament tat-tieni tranche taż-żieda fil-kapital 2013, li tpaċi l-effett tal-volumi addizzjonali tat-tislif.

Il-kwalità tal-assi baqgħet b'saħħitha, bir-rata ta' selfiet imħassrin qrib iż-żero fil-mija (0.2%) tal-portafoll ta' self totali fi tmiem is-sena. L-eċċess nett annwali ammonta għal EUR 2.6 biljun, kemmxejn ogħla mill-eċċess tal-2013.

## Il-Bonds Ekoloġiċi jirrankaw: l-investituri jemmnu fil-finanzjament għall-klima

L-2014 kienet sena importanti għall-Bonds Ekoloġiċi tal-BEI, il-Bonds għal Kuxjenza dwar il-Klima (CABs) - prodott ta' investiment soċjalment responsabbli im-fassal skont il-ħtiġiet tal-investituri. Il-fondi miġbura permezz tal-CABs huma intenzjonati biex jaqblu mal-infiq fuq għal proġetti ta' azzjoni għall-klima ffinanzjati mill-BEI, fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija. Tali tislif jappoġġa l-għan tal-UE li trawwem it-tkabbir reżiljenti għall-klima b'użu baxx tal-karbonju globalment.

Is-sena li għaddiet rajna tkabbir mingħajr preċedent fis-suq tal-Bonds Ekoloġiċi bil-ħruġ ta' EUR 28 biljun / USD 37 biljun, aktar minn tliet darbiet l-ammont fl-2013, skont l-estimi tal-Inizjattiva tal-Bonds għall-Klima. Il-BEI huwa l-akbar emittent f'dan is-segment b'EUR 4.3 biljun miġbura fost seba' muniti. Il-EUR CAB li huwa mistenni fl-2019 ġie miżjud għal EUR 2.6 biljun, u għalhekk huwa l-akbar Bond Ekoloġiku pendenti fis-suq fi tmiem is-sena. Il-BEI żied it-tieni referenza ewlenija fuq il-kurva tiegħu tal-Bonds Ekoloġiċi EUR bi ħruġ ta' 12-il sena. Punt ewlieni addizzjonali tas-sena li għaddiet kien il-Bond għal Kuxjenza dwar il-Klima inawgurali f'USD tal-BEI, punt ta' referenza Ekoloġiku fuq medda ta' 10 snin. Fl-2014, il-Bank nieda wkoll l-ewwel CAB tiegħu ddenominat f'GBP, l-ewwel Bond Ekoloġiku f'din il-munita fost l-emittenti ta' bonds Sovrani, Sovranazzjonali u Aġenziji (SSA).

*"Nikkunsidraw il-bonds sostenibbli bħala mod biex niffinanzjaw l-ekonomija reali skont l-għanijiet tagħna: proġetti speċifiċi b'impatti soċjali u ambjentali. Investejna fil-Bond għal Kuxjenza dwar il-Klima tal-BEI billi dan joffri daqs ta' referenza u jiffinanzja proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza fl-enerġija".*

**Marc Briand**, Kap tad-Dħul Fiss ta' Mirova



# Il-bank tal-UE

Il-BEI huwa l-uniku bank pubbliku li huwa l-proprjetà esklussiva tat-28 Stat Membru tal-UE. L-istruttura ta' governanza tagħna tiżgura li l-Bank huwa responsabbli, jitħaddem sew u huwa effettiv fil-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi fl-attivitajiet kollha tagħna.

Il-BEI huwa kemm korp tal-UE, responsabbli għall-Istati Membri, u bank li jsegwi l-aħjar prattika applikabbli tas-settur pubbliku u l-privat fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-ġestjoni u l-verifiki. Il-Bank jiddependi fuq tliet korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet: il-Bord tal-Gvernaturi fil-livell ministerjali; il-Bord tad-Diretturi, ma' membri mhux residenti nnominati minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea; u l-Kumitat ta' Tmexxija, il-korp residenti tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BEI, ippresedut mill-President tal-BEI.



**Bħala parti minn prattika li regolarment jirrevedi l-politiki ewlenin tiegħu, fl-2014 il-BEI kkonsulta mal-azzjonisti dwar kif għandu jtejjeb u jadatta l-Politika ta' Trasparenza tiegħu. Il-Bank jipprova jkun kemm jista' jkun trasparenti fil-mod kif jopera, jieħu deċiżjonijiet, u jimplimenta l-politiki tal-UE.**

Il-Bord tal-Gvernaturi huwa magħmul minn ministri tal-gvern minn kull wieħed mit-28 Stat Membru, normalment il-Ministri tal-Finanzi. Huwa jiltaqa' darba fis-sena, fejn jistabbilixxi l-linji gwida tal-politika ta' kreditu tal-Bank u japprova l-kontijiet annwali. Jiddeċiedi fuq iż-żidiet fil-kapital u l-parteċipazzjoni tal-Bank fl-operazzjonijiet ta' finanzjament barra mill-UE. Jappunta wkoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat ta' Verifika.



Mix-xellug għal-lemin: Alfonso Querejeta, Wilhelm Molterer, Pim van Ballekom, Philippe de Fontaine Vive, Jonathan Taylor, Werner Hoyer, László Baranyay, Dario Scannapieco, Mihai Tănăsescu u Román Escolano

## L-istruttura ta' governanza tal-BEI:




Il-Bord tad-Diretturi huwa l-korp li jieħu d-deċiżjonijiet dwar self, programmi ta' self u kwistjonijiet oħra ta' finanzjament bil-ħruġ ta' garanziji. Jiltaqa' għaxar darbiet fis-sena biex jiżgura li l-Bank huwa mmaniġġjat kif suppost skont it-Trattati tal-UE, l-Istatut tal-Bank stess, u d-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi.

Hemm 29 direttur, wieħed maħtur minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm ukoll 19-il direttur supplent. Sabiex titwessa' l-kompetenza esperta professjonali tal-Bord tad-Diretturi, sitt esperti jistgħu jiġu maħtura (tliet membri u tliet supplenti) biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord bħala konsulenti mhux votanti. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tirrappreżenta tal-anqas 50% tal-kapital sottoskritt mill-Istati Membri u terz wieħed tal-membri tal-Bord intitolat għal vot, għajr jekk ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-Istatut. Il-Bord huwa ppresedut mill-President tal-Bank, Werner Hoyer, f'kapaċità mhux votanti.

Il-Kumitat ta' Tmexxija huwa l-korp residenti tal-Bank li jieħu d-deċiżjonijiet. Jissorvelja l-ħidma ta' kuljum tal-Bank, iħejji d-deċiżjonijiet għall-Bord tad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Jiltaqa' darba fil-ġimgħa. Il-Kumitat ta' Tmexxija jaħdem taħt l-awtorità tal-President tal-Bank u s-superviżjoni tal-Bord tad-Diretturi. It-tmien membri l-oħra huma l-Viċi-Presidenti tal-BEI. Il-membri jiġu maħtura għal perjodu li jista' jiġġedded sa sitt snin u huma responsabbli biss lejn il-Bank. L-erba' l-akbar azzjonisti – Franza, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit – għandhom post permanenti fuq il-Kumitat ta' Tmexxija.

Il-Kumitat ta' Verifika huwa korp indipendenti li jwieġeb direttament lill-Bord ta' Gvernaturi. Huwa responsabbli għall-verifika tal-kontijiet tal-Bank u biex jivverifika li l-attivitajiet tal-Bank huma konformi mal-aħjar prattika applikabbli fil-qasam tas-servizzi bankarji. Ir-rendikont tal-Kumitat ta' Verifika jiġi ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi flimkien mar-rapport annwali tal-Bord tad-Diretturi. Il-Kumitat ta' Verifika huwa magħmul minn sitt membri, li huma maħtura għal terminu li ma jistax jiġġedded ta' sitt snin finanzjarji konsekuttivi.










Il-BEI jixtieq jirringrazzja lill-promoturi u l-fornituri li ġejjin għar-ritratti li jidhru f'dan ir-rapport:

© EIB Photolibrary, © Imperial Innovations, © Shutterstock, © Unjoni Ewropea 2014 - source:EP, © 2007 - 2012 UCB S.A., Belgium, © Nordex Windpower SE, © WU Vienna, © NV Bekaert SA, © ALSPAW, © Gadea Grupo Farmaceutico, © Workable, © Fjord Line/Espen Gees Photographer, © PKP IC/Bartlomiej Banaszak, © New Karolinska Solna Hospital, © City of Plzen, © Elering, Margus Vilisoo, © Vorarlberger Illwerke AG, © Bank Dinji/Yuri Mechitov, © EU Neighborhood Info Centre, © Siemens AG Munich/Berlin.

L-awtorizzazzjoni biex dawn ir-ritratti jiġu riprodotti jew użati trid tinkiseb direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur

Tqassim: EIB GraphicTeam.

MIX
Paper from responsible sources
FSC® C103749

Stampat minn Imprimerie Centrale fuq karta MagnoSatin permezz ta' linka bbażata fuq iż-żejt veġetali. Iċċertifikata skont ir-regoli tal-Forest Stewardship Council (FSC), il-karta tikkonsisti f'100% ta' fibra verġni (li minnha tal-anqas 50% hija minn foresti mmaniġġjati sew)

Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

**Il-Grupp tal-BEI** jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment**
98 -100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379-1
+352 437704
www.eib.org – info@eib.org

**Il-Fond Ewropew tal-Investiment**
37B, avenue J.F. Kennedy
L-2968 Luxembourg
+352 2485-1
+352 2485-81200
www.eif.org – info@eif.org

# 2014 Rapport **tal-Attività**





© EIB – 03/2015 - QH-AD-15-001-MT-C - ISBN 978-92-861-2171-5 – ISSN 1830-7337 – doi:10.2867/892430 - EIB GraphicTeam